Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Numru. 250/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Kelly Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmija Kelly Fenech, bint Michael Angelo u Gloria nee’ Borg, imwielda fl-24 ta’ Frar 1985 u residenti fil-fond Wilton Place, Flat 8, Triq L. Graham, Sliema, Malta u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 248685(M) li giet akkuzata talli nhar it-18 ta’ Frar, 2012 ghal habta ta’ 02:00hrs fir-Rabat, Ghawdex:

1. Kisret il-paci u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew storbju;

2. Hebbet ghall-persuna ta' Armand Chetcuti u kkagunatlu ferita ta' natura hafifa hekk kif icceritifika Dr. T. G. Farrugia MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

3. Bi kliem u/jew b'modi ohra heddet u/jew insulentat u/jew ingurjat lil Armand Chetcuti;

4. Tat fastidju jew messa kienet taf li qed tkun ta' fastidju ghal Armand Chetcuti;

5. Ikkagunat biza fil-persuna ta' Armand Chetcuti;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-waiver da parti ta' Armand Chetcuti esebit fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2012;

Ikkunsidrat;

Illi fuq nuqas ta' provi tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u stante rinunzja tiddikajra l-procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------